ADOZZJONI AĦĦARIJA

tal-baġit ta' emenda Nru 10 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008

(2009/44/KE, Euratom)

IL-PRESIDENT TAL-PARLAMENT EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 272(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1],

Wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, adottat b'mod aħħari fit-13 ta' Diċembru 2007 [2],

Wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [3],

Wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 11/2008 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, li l-Kummissjoni ppreżentat fis-7 ta' Novembru 2008,

Wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 10/2008, li l-Kunsill stabbilixxa fis-27 ta' Novembru 2008,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Parlament fit-18 ta' Diċembru 2008,

JIDDIKJARA:

L-Artikolu waħdini

Il-proċedura skont l-Artikolu 272 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 177 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika hija lesta u l-baġit ta' emenda Nru 10 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008 ġie adottat b'mod aħħari.

Magħmul fi Strażburgu, it-18 ta' Diċembru 2008

Il-President
H.-G. PÖTTERING

---

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[2] ĠU L 71, 14.3.2008, p. 1.
[3] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

BAĠIT TA' EMENDA Nru 10 GĦAS-SENA FINANZJARJA 2008

WERREJ

Paġna

DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TA' L-INFIQ SKOND IT-TAQSIMA

Taqsima III: Kummissjoni 95

— Nefqa 97

— Titolu 13: Politika Reġjonali 98

TAQSIMA III

KUMMISSJONI

KUMMISSJONI

NEFQA

Titolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2008		Bagit ta' emenda Nru. 10		Ammont ġdid	
		Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
01	AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI	399 843 108	363 953 108			399 843 108	363 953 108
02	INTRAPRIŻA	584 259 816	530 836 316			584 259 816	530 836 316
03	KOMPETIZZJONI	92 469 867	92 869 867			92 469 867	92 869 867
04	IMPJIEGI U AFFARIJIET SOĊJALI	11 482 263 347	9 471 127 850			11 482 263 347	9 471 127 850
05	AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI	54 071 553 837	52 387 417 501			54 071 553 837	52 387 417 501
06	ENERĠIJA U TRASPORT	1 915 116 407	1 708 975 007			1 915 116 407	1 708 975 007
07	AMBJENT	402 488 305	297 622 305			402 488 305	297 622 305
08	RIĊERKA	4 047 778 253	4 115 320 253			4 047 778 253	4 115 320 253
09	IS-SOĊJETÀ TA' L-INFORMAZZJONI U L-MIDJA	1 492 412 417	1 548 233 417			1 492 412 417	1 548 233 417
10	IR-RIĊERKA DIRETTA	361 422 000	372 417 000			361 422 000	372 417 000
11	SAJD U AFFARIJIET MARITTIMI	976 197 100	807 991 951			976 197 100	807 991 951
12	IS-SUQ INTERN	61 033 641	60 733 641			61 033 641	60 733 641
13	POLITIKA REĠJONALI	36 635 400 871	27 912 639 514	7 605 445	0	36 643 006 316	27 912 639 514
14	TASSAZZJONI U UNJONI DOGANALI	124 288 903	107 920 903			124 288 903	107 920 903
15	EDUKAZZJONI U KULTURA	1 331 452 201	1 341 859 393			1 331 452 201	1 341 859 393
16	KOMUNIKAZZJONI	206 336 798	196 956 798			206 336 798	196 956 798
17	SAĦĦA U ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	682 712 057	550 548 871			682 712 057	550 548 871
18	ŻONA TA' ĦELSIEN, LIBERTÀ U ĠUSTIZZJA	714 434 878	551 941 878			714 434 878	551 941 878
19	RELAZZJONIJIET ESTERNI	3 918 594 643	3 250 156 881			3 918 594 643	3 250 156 881
20	KUMMERĊ	77 931 919	76 787 919			77 931 919	76 787 919
21	ŻVILUPP U RELAZZJONI MA' STATI ACP	1 316 479 752	1 178 004 752			1 316 479 752	1 178 004 752
22	TKABBIR	1 093 159 050	1 805 228 450			1 093 159 050	1 805 228 450
23	GĦAJNUNA UMANITARJA	770 100 282	773 100 282			770 100 282	773 100 282
24	IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI	74 378 000	69 328 000			74 378 000	69 328 000
25	KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA LEGALI	176 764 806	176 764 806			176 764 806	176 764 806
26	AMMINISTRAZZJONI	963 537 940	966 037 940			963 537 940	966 037 940
27	BAĠIT	273 655 597	273 655 597			273 655 597	273 655 597
28	VERIFIKA	10 238 890	10 238 890			10 238 890	10 238 890
29	STATISTIKA	121 204 623	106 004 623			121 204 623	106 004 623
30	PENSJONIJIET	1 080 502 000	1 080 502 000			1 080 502 000	1 080 502 000
31	SERVIZZI LINGWISTIĊI	365 506 445	365 506 445			365 506 445	365 506 445
40	RIŻERVI	2 064 993 050	547 076 950			2 064 993 050	547 076 950
	Total	**127 888 510 803**	**113 097 759 108**	**7 605 445**	**0**	**127 896 116 248**	**113 097 759 108**

KUMMISSJONI

TITOLU 13

POLITIKA REĠJONALI

Għanijiet ġenerali

— Tistimola l-potenzjal tat-tkabbir ta' l-Istati Membri u r-reġjuni l-inqas żviluppati ("Konverġenza").

— Issaħħaħ il-kompetittività u l-attrazzjoni kif ukoll il-kapaċità tagħhom ta' impjieg billi jiġu antiċipati t-tibdiliet ekonomiċi u soċjali ("Kompetittività u impjieg reġjonali"),

— Tippromwovi integrazzjoni iktar b'saħħitha tat-territorju ta' l-UE biex tappoġġja żvilupp ibbilanċjat u sostenibbli ("Kooperazzjoni territorjali Ewropea"),

— Tgħin pajjiżi kandidati kif ukoll pajjiżi potenzjalment kandidati fl-allinjament progressiv ma' l-istandards u l-politiki ta' l-Unjoni Ewropea ("IPA").

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2008		Baġit ta' emenda Nru. 10		Ammont ġdid	
		Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
13 01	NEFQA AMMINISTRATIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA REĠJONALI	83 498 466	83 498 466			83 498 466	83 498 466
13 03	FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAT REĠJONALI IEĦOR	27 846 307 012	21 465 347 847			27 846 307 012	21 465 347 847
13 04	FOND TA' KOEŻJONI	8 150 101 978	5 295 602 004		– 7 605 445	8 150 101 978	5 287 996 559
13 05	OPERAT TA' QABEL L-ADEŻJONI RELATAT MAL-POLITIKI STRUTTURALI	282 302 218	795 000 000			282 302 218	795 000 000
13 06	FOND TA' SOLIDARJETÀ	273 191 197	273 191 197	7 605 445	7 605 445	280 796 642	280 796 642
	Titolu 13 — Total	**36 635 400 871**	**27 912 639 514**	**7 605 445**	**0**	**36 643 006 316**	**27 912 639 514**

KUMMISSJONI

TITOLU 13

POLITIKA REĠJONALI

KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2008		Baġit ta' emenda Nru. 10		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
13 04	FOND TA' KOEŻJONI							
13 04 01	***Fond ta' Koeżjoni — Tlestija ta' proġetti ta' qabel (qabel l-2007)***	1.2	p.m.	1 936 747 200			p.m.	1 936 747 200
	Artikolu 13 04 01 — Sub-total		p.m.	1 936 747 200			p.m.	1 936 747 200
13 04 02	***Fond ta' Koeżjoni***	1.2	8 150 101 978	3 358 854 804		– 7 605 445	8 150 101 978	3 351 249 359
	Artikolu 13 04 02 — Sub-total		8 150 101 978	3 358 854 804		– 7 605 445	8 150 101 978	3 351 249 359
	Kapitolu 13 04 — Total		**8 150 101 978**	**5 295 602 004**		**– 7 605 445**	**8 150 101 978**	**5 287 996 559**

Kummenti

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1265/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jemenda l-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1164/94 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 62) jiddetermina l-kondizzjonijiet li bihom ħlasijiet bil-quddiem li m'għandhomx effett ta' tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-Fond għall-operazzjoni kkonċernata għandhom jerġgħu jitħallsu. Kull dħul ġej minn dawn il-ħlasijiet lura tal-ħlasijiet bil-quddiem, imdaħħal fil-Partita 6 1 5 7 tal-prospett tad-dħul, jagħti lok għall-ftuħ ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skond l-Artikoli 18 u 157 tar-Regolament Finanzjarju. Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jipprovdi għall-kondizzjonijiet ta' ħlas lura ta' pre-finanzjament għall-perjodu 2007-2013.

13 04 02 Fond ta' Koeżjoni

Approprjazzjonijiet 2008		Baġit ta' emenda Nru. 10		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
8 150 101 978	3 358 854 804		– 7 605 445	8 150 101 978	3 351 249 359

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji għall-Fond tal-Koeżjoni fil-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013.

Operazzjonijiet kontra l-frodi ikunu ffinanzjati skond l-Artikolu 24 02 01.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tiffinanzja miżuri meħuda minn sħab għall-perjodu ta' pprogrammar li jmiss.

Bażi legali

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 566/94 ta' l-10 ta' Marzu 1994 li jestendi r-Regolament (KEE) Nru 792/93 li jistabilixxi strument finanzjarju ta' koeżjoni (ĠU L 72, 16.3.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni. (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1084/2006.

Ir-Regolament Ewropew (KE) Nru 1083/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210 tal- 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament Ewropew (KE) Nru 1084/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jwaqqaf il-Fond ta' koeżjoni u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94 (ĠU L 210 tal- 31.7.2006, p. 79).

Atti ta' referenza

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 13 06 — FOND TA' SOLIDARJETÀ

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2008		Baġit ta' emenda Nru. 10		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
13 06	FOND TA' SOLIDARJETÀ							
13 06 01	***Fond ta' Solidarjetà ta'l-Unjoni Ewropea — Stati Membri***	3.2	273 191 197	273 191 197	7 605 445	7 605 445	280 796 642	280 796 642
	Artikolu 13 06 01 — Sub-total		273 191 197	273 191 197	7 605 445	7 605 445	280 796 642	280 796 642
13 06 02	***Fond ta' Solidarjetà Ta'l-Unjoni Ewropea — Pajjiżi li qed jinnegozjaw is-sħubija***	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 13 06 02 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Kapitolu 13 06 — Total		**273 191 197**	**273 191 197**	**7 605 445**	**7 605 445**	**280 796 642**	**280 796 642**

13 06 01 ***Fond ta' Solidarjetà ta'l-Unjoni Ewropea — Stati Membri***

Approprjazzjonijiet 2008		Baġit ta' emenda Nru. 10		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
273 191 197	273 191 197	7 605 445	7 605 445	280 796 642	280 796 642

Kummenti

Dan l-artikolu hu maħsuba biex jirreġistra approprjazzjonijiet ġejjin mill-mobilitazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea fil-każ ta' disastri, naturali, ambjentali jew teknoloġiċi fl-Istati Membri.

Bażi legali

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru … ta' … li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU …).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-6 ta' April 2005, li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (COM(2005) 108 finali).

Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja sana (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).